DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 2013

li taħtar il-membri tal-kumitat previst fl-Artikolu 3(3) tal-Anness I għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2013/180/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 16a(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tal-Anness I tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/49/KE, Euratom, tat-18 ta' Jannar 2005 dwar ir-regoli operattivi tal-Kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja [1], u b'mod partikolari l-punt 3 tal-Anness għal dik id-Deċiżjoni,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Diċembru 2012,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(3) tal-Anness I għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprevedi l-istabbiliment ta' kumitat li jikkonsisti minn seba' persuni magħżula minn fost ex membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Bis-saħħa ta' dan il-paragrafu, il-membri tal-kumitat huma maħtura mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq rakkomandazzjoni mill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Euratom Nru 2005/49/KE tipprevedi, fil-punt 3 tal-Anness tagħha, li l-Kunsill għandu jaħtar il-President ta' dak il-kumitat.

(3) Dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu applikati.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għal perijodu ta' erba' snin li għandu jibda mill-10 ta' Novembru 2012, dawn li ġejjin huma maħtura membri tal-kumitat previst mill-Artikolu 3(3) tal-Anness I għall-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja:

Is-Sinjura Pernilla LINDH, President

Is-Sur Pranas KŪRIS

Is-Sur Ján MAZÁK

Is-Sur Jörg PIRRUNG

Is-Sur Mihalis VILARAS

Is-Roel BEKKER

Is-Sinjura Elena Simina TĂNĂSESCU

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta' April 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

E. GILMORE

[1] ĠU L 21, 25.1.2005, p. 13.